# TRIBUNUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU 2423

**Kaz Nru. 2986/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**James Spiteri**

**u**

**Lufthansa Technik Malta**
**(Dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni tar-rikorrenti James Spiteri, li gie prezentat fir-Registru tal-Qorti fis-26 ta' Dicembru, 2011. Matul is-smigh tal-Kaz, ir-rikorrenti kien assistit mill-Avukat Andrew Grima tal-U.H.M. u ghas-Socjeta ntimata deher is-Sur Mark Galea li kien assistit mill-Avukat Andrew Borg Cardona.**

**Fl'Istqarrija tal-Kaz ir-rikorrenti jghid, li beda l-impieg tieghu mas-Socjeta fis-19 ta' Ottubru, 2009, bhala Aircraft Mechanic. Huwa jghid ukoll, li matul iz-zmien li dam fl'impieg qatt ma gie moghti l-ebda twissija la bil-fomm u lanqas bil-miktub.**

**Fl'Istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, li l-impieg tieghu gie terminat nhar 30 ta' Awwissu, 2011 fuq ragunijiet ta' "unauthorised absence" u dan skond klawsola 9 tal-Ftehim Kollettiv fejn il-kumpanija akkuzatu b'abbandun ta' l-impieg. Fl'istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, li din l-allegazzjoni ma kienitx minnha ghax hu kien applika ghal-"vacation leave" sabiex setgha jsiefer nhar id-9 ta' Mejju, 2011. Huwa jghid ukoll li l-applikazzjoni saret permezz tas-sistema kompjuterizzata kif inhi s-sistema fil-kumpanija.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll fl'istqarrija tal-kaz tieghu, li l-"vacation leave" li kien applika ghalih kien gie approvat mill-Kumpanija nhar it-2 ta' Lulju, 2011 fejn gew approvati s-sitt t'ijiem kollha li applika ghalihom.**

**Fl'istqarrija tieghu huwa jghid ukoll li gara kien, li fis-27 ta' Gunju l-kumpanija bidlet ix-xhift tal-haddiema u minbarra hekk, minhabba nuqqas ta' xoghol kellha tohrog l-impjegati bil-"forced leave". Ir-rikorrenti jghid ukoll, li f'nofs Awwissu huwa dahal fis-sistema kompjuterezzata tal-Kumpanija fejn innota, li l-"annual leave" tieghu li kien diga gie approvat thassar u ghalhekk mar ikellem lis-Sur Daryl Hayman li jokkupa l-grad ta' Bay Manager, fejn inghata nformazzjoni li ma kellux leave bizzejjed u dan minhabba li l-kumpanija kienet dawret ix-shift tal-haddiema u tghat numru ta' granet bhala "forced leave".**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll fl'istqarrija tal-kaz tieghu, li wara dan kellem ukoll lill-ufficjal tal-Human Resources li nfurmawh, li ghandu jkellem lis-Sur John Mahon li kien jokkupa il-grad ta' Head of Production sabiex**

**jinstab arrangament adekwat u dan peress li r-rikorrenti kien diga ghamel il-booking ghal vjagg ta' safar li kellu ppjanat.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll li wara li kellem lis-Sur John Mahon, dan infurmah biex ikellem lis-sur Daryl Hayman li kien jigi s-superjur tieghu, huwa jghid ukoll, li baqa jkellmu sa l-ahhar gurnata qabel ma hareg bil-"leave" fejn min naha tas-Sur Hayman kien indikalu li m'ghandux ghalfejn jinkwieta u kien ser ikellem lis-Sur Mahon hu stess.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll fl'istqarrija tal-Kaz tieghu, li fuq li qallu is-sur Hayman telaq mix-xoghol b'rasu mistrieha tant, li siefer ghal perjodu bejn id-29 ta' Awwissu u l-5 ta' Settembru 2011, u dan il-perjodu kien jammonta ghal tlett ijiem xoghol liema granet kien applika ghalihom originarjament u kienu gew approvati. Ir-rikorrenti jghid ukoll, li fl'1 ta' Settembru, 2011 il-Kumpanija bghatitlu korrispondenza fejn infurmatu b'mod ufficjali li hu kien falla milli jmur ghax-xoghol fit-30, 31 ta' Awwissu u l-1 ta' Settembru, li b'kollox jammontaw ghal tlett ijiem u li ghal din ir-raguni kien qieghed jigi mkecci b'mod immedjat minhabba abbandun tal-post tax-xoghol.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll fl'istqarrija tal-kaz tieghu, li l-kumpanija ddecidiet li tapplika klawsola tal-Ftehim Kollettiv b'mod inkorret u dan**

**ghaliex fil-fatt huwa mhux biss kien applika ghal-leave annwali minn hafna qabel, izda meta gie tterminat l-impieg tieghu kellu jumejn leave annwali li thallew pendenti u ghalhekk qatt ma setgha ma marx ghax-xoghol ghal tlett ijiem.**

**Fl'istqarrija tieghu ir-rikorrenti jghid ukoll, li barra minn hekk kien kellem lis-superjuri tieghu hafna drabi dwar is-sitwazzjoni u baqa taht l-impressjoni li l-kwestjoni kienet ser tigi solvuta kif kien gara fil-passat f'hafna kazi.**

**Ir-rikorrenti jghalaq l-istqarrija tal-kaz tieghu fejn jitlob lit-Tribunal Industrijali li jiddikjara, li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu saret minghajr raguni gusta u sufficjenti skond il-ligi u bi ksur tad-dispozizzjonijiet relevanti fl-Att li jirregola l-Kundizzjonijiet ta' l-impieg.**

**Ghas-Socjeta ntimata da parti taghha qalet, li l-impjieg ta' l-appellant gie tterminat ai termini tal-Ftehim Kollettiv wara li dan abbanduna x-xoghol ghal aktar mill-granet specifikati fl-istess Ftehim Kollettiv. Is-Socjeta tghid ukoll li kif ser jidher mill-provi, l-agir ta' l-appellant kien tali illi anke jekk ma jitqiesx li abbanduna x-xoghol kif fil-fatt ghamel, kien hemm gustifikazzjoni ghat-tkeccija sommarja.**

**Mill-provi jirrizulta, li ir-rikorrenti kien gie mpjegat mas-socjeta fis-19 ta' Ottubru, 2009 fil-grad ta' Aircraft Mechanic u l-impieg tieghu gie tterminat permezz ta' ittra datata l-1 ta' Settembru, 2011. Mill-provi jirrizulta wkoll, li matul il-hajja ta' l-impieg tieghu qatt ma kellu kazijiet ta' dixxiplina. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-impieg tieghu gie tterminat fejn l-Kumpanija akkuzatu, li peress li ma kienx irraporta ghax-xoghol minghajr awtorizzazzjoni nhar it-Tlieta, l-Erbgha u l-Hamis tal-granet 30, 31 ta' Awwissu u l-1 ta' Settembru, 2011 l-impieg tieghu kien qed jigi mitmum skond klawsola 9 tal-Ftehim Kollettiv, fuq bazi li kien abbanduna l-impieg tieghu.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-appellant kien applika ghal leave fid-9 ta' Mejju, 2011 qabel ma xtara l-biljetti tas-safra li kellu jghamel. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-appellant applika ghal leave fuq is-sistema kompjuterizzata li ghandha l-kumpanija u liema leave kien gie approvat u konsegwentament l-appellant xtara il-biljetti ghal btala li kellu jghamel mal-familja.**

**Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li peress li is-socjeta kienet ghaddejja min perjodu ta' nuqqas ta' xoghol harget lill-haddiema b' "forced leave" u biex ghamlet dan irrivokat il-leave approvat li kellu l-appellant, biex minflok li jiehdu f'Awwissu/Settembru meta kellu ppjanat il-btala, gie sfurzat biex jiehdu f'Lulju, bir-rizultat li**

**ma kienx baqalu bilanc ta' leave bizzejjed ghal btala li kien ippjana u li ghalija diga kellu l-leave approvat.**

**Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li l-appellant mar ikellem lill diversi persuni li kienu superjuri tieghu sabiex tigi irrangata is-sitwazzjoni tieghu u jghid li gie moghti x'jifhem, li ma kellux ghalfejn jinkweta ghax kienu se jirrangawlu, liema dikjarazzjoni giet michuda mill-provi li resqet is-Socjeta. Mill-provi jirrizulta wkoll, li kif xehed l-appellant li inghata x'jifhem li ma kellux ghalfejn jinkwieta mar il-btala u b'rizultat ta' dan naqas li jattendi tlett ijiem xoghol, fejn ghal din ir-raguni is-Socjeta tterminat l-impieg tieghu b'abbandun ta' impieg skond klawsola 9 tal-Ftehim Kollettiv.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-Kaz u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa l-esigenzi ta' l-operat tal-Kumpanija, fejn il-kumpanija ghandha tghamel l-isforzi taghha kollha biex f'dinja hekk kompetittiva tghamel dak kollu possibbli biex tissalvagwardja l-interessi taghha u tassigura l-impiegi tal-haddiema. Invista ta' dan, il-kumpanija ma ghamlet l-ebda nuqqas meta kienet f'cikostanzi ta' nuqqas ta' xoghol setghet tohrog lill haddiema b'forced leave, pero dan it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li f'sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta il-Kumpanija ghandha wkoll tiehu nkonsiderazzajoni ta' cirkostanzi ta' xi individwi, li jkunu se jintlaqtu**

**negattivament minn decizjoni ta' din ix-xorta u dan specjalment meta is-socjeta tkun diga approvat il-leave tal-persuna involuta.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li minn kif jirrizultalu mill-provi ir-rikorrenti ghamel diversi attentati biex il-problema li gie fiha tigi rizolta, kellem lill diversi superjuri tieghu u dan it-Tribunal Industrijali jghatih il-beneficcju tad-dubju li gie moghti l-impressjoni li kienet se tinstab soluzzjoni. Pero anke fi kwalinkwe kaz, it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li meta l-leave jigi approvat u ghal xi raguni jkun se jigi rivokat minflok b'semplicimentnota kompjuterizzata jkun aktar ghaqli biex tirrenja l-armonja industrijali, li l-management jibghat ghal haddiem li jkun se jigi rivokat il-leave tieghu u jigi spjegat lilu mhux biss ir-raguni imma wkoll li wiehed jipprova jsib forma ta' soluzzjoni ghas-sodisfazzjon tal-partijiet.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet isib u jasal ghal konkluzzjoni, li meta tikkunsidra ic-cirkostanzi tal-kaz kif kienu t-terminazzjoni ta' l-impieg kienet wahda harxa u ngusta. It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li fil-waqt li l-impieg ma jigix moghti lura, il-Lufthansa Technik Malta ghandha thallas kumpens lir-rikorrenti li jammonta ghal €4,500 (erbgha t'elef u hames mitt euro) liema kumpens ghandu jithallas fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-Kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' Avviz legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : /Harold Walls**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**Ghas-Segretarju**

**Data : 15 ta' Dicembru, 2015**